

# Christmas Markets Experience
# Budapest

Validu sal-5 ta' Settembru

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €870 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1,040 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mar Ryanair Malta għal Budapest
- 20 Kgs Bagalja
- 4 Iljieli – Mercure Hotel City Centre 4 Star+
- Buffet Breakfast kuljum
- Ikla go Puszta. **Puszta**.
- Eskursjonijiet kollha mħallsa
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency protection

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom. Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.*

## 15 - 19 TA' DIĊEMBRU

**5 t'ijiem**

**INŻURU: Budapest, Danube Bend, Szetendre, Visegrad, Puzsta, Godollo Palace...**

**It-Tlieta 15 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport Internazzjonali ta' Malta fis-06.00 sabiex nagħmlu ċ-check in għall-flight FR2203 li titlaq fit-08:00 u twassalna **Budapest** fl-10:15. Mal-wasla tagħna, naqbdu transfer bil-kowċ lejn iċ-ċentru biex ikollna **city tour** bil-kowċ u gwida tal-lokal. Naraw il-bini tal-Parlament, il-pjazza ta' l-Eroj, l-Opera House, il-Palazz Irjali, ic-Citadella u l-Fisherman's Bastions minn fejn naraw veduta spettakolari. Wara nkomplu lejn il-Hotel Mercure City Centre 4* li qed eżatt fiċ-ċentru. Filgħaxija għal min irid immorru fil pjazza Vörösmarty Tér biex inżuru il-Christmas Market.

**L-Erbgħa 16 ta' Diċembru**
Nibdew il-ġurnata bi breakfast. L-eskursjoni tal-lum tohodna madwar il-bliet sbieħ madwar ix-xmara Danube, magħrufa bħala **Danube Bend**. L-ewwel waqfa tagħna tkun f'**Szentendre,** villaġġ splendidu mibni fuq stil barokk li jinsab 20km 'l bogħod minn Budapest. Inkomplu lejn **Visegrad**, fortizza li minnha tara veduta mill-isbaħ. Filgħaxija, għal min irid, immorru ħdejn 'St. Stephen's Basilica' fejn hawn ingawdu Christmas market ieħor mill isbaħ. Nirritornaw lura l-Hotel.

**Il-Ħamis 17 ta' Diċembru**
Breakfast u wara ġurnata libera, iżda min irid jista' jingħaqad mat-tour leader biex inkomplu nżuru din il-belt li tant għandha x'toffri. Inkella, tistgħu tmorru s-**Széchenyi Thermal Bath**, l-akbar wieħed f'Budapest u fost l-akbar fl-Ewropa. Hawnhekk insibu 3 pixxini ta' barra u 15-il pixxina ta' ġewwa. Wara nofsinhar ikollkom l-opportunità li tieħdu **cruise fuq ix-Xmara Danube** (extra), u min irid jista' jżur ukoll il-**West End Shopping Centre**, fejn issibu madwar 400 ħanut, bars u ristoranti. Filgħaxija norganizzaw Dinner & Folklore Show (optional).

**Il-Ġimgħa 18 ta' Diċembru**
Illum ħarġa ta' ġurnata li teħodna fin-naħa tal-punent tal-Ungerija f'**Puszta**. Hawn naraw il-kapaċita' kbira li juru r-rikkieba meta naraw wirja spettakulari taż-żwiemel. Spettaklu li ma jintesa' qatt! Nagħmlu rikba fuq karozzin tipiku u wara nieklu ikla tajba bl-inbid (inkluża) f'ristorant tipiku. Ikollna l-opportunita li nisimgħu l-mużika taż-żingari.

**Is-Sibt 19 ta' Diċembru**
Breakfast u tluq lejn 'Il-Palazz irjali ta' **Godollo**' kunsidrat bħala Versailles tal-Ungerija (Ent.fee.extra). Jkollna ħin biżżejjed biex induru l-palazz ul-ġonna tiegħu biex wara nkomplu lejn l-ajruport ta' Budapest għat-titjira FR2277 li ttir fis-17.05 u naslu lura Malta fit-19.20.

